**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 17/20/B

Neil Thomas u Kenneth Abela
Vs
Forestals Entertainment Limited

Illum, 11 ta' Jannar, 2021

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fit-28 ta' Jannar 2020 li permezz taghha talab s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin Euro (€ 225) li hija somma li kellu jerga jhallas flimkien li rritornaw lura l-Playstation 4 Pro d-difettuza sabiex jinghata Playstation 4 Prop gdida.

Ra illi l-intimati wiegbu permess ta' risposta datata 27 ta' Frar 2020 li permezz taghha cahdu t-talba tar-rikorrenti li fiha ndikaw illi ma kienx hemm difett latenti fis-sistema li giet kkonsenjata lir-rikorrenti Liema difett kien ifegg ftit zmien wara l-konsenja tal-prodott u mhux kwazi wara sentejn.

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi mill-fatti tal-kaz jidher illi l-pern tal-kaz odjern huwa jekk l-Playstation Pro 4 li giet mixtrija mir-rikorrenti kienetx kolpita minn difett latenti o meno.

Illi r-rikorrenti fl-avviz tieghu spjega illi huwa Xtara l-Playstation Pro 4 minghand is-socjeta' initmata fis-6 ta' Frar 2018 ghall-prezz ta' € 429. Illi fl-10 ta' Novembru 2019 l-istess sistema rrizultala difett li ma setghax jigi rimedjat ghajr billi jinghata

sistema gdida. Ir-rikorrenti spjega ukoll illi meta rrikorra ghand is-socjeta' initmata humwa nfurmawh illi peress li l-garanzija kienet biss ta' sena, r-rimedju li offrew kien li huwa jirritorna s-sistema difettuza u jhallas s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin Euro (€ 255).

Illi s-socjeta' intimata fir-risposta taghha sahqet illi ma jistax ikun illi l-Playstation Pro 4 kienet kolpita minn difett mohbi gialadarba dan id-difett immanifesta ruhu tmintax (18) il-xahar wara.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti xehed quddiem dan it-Tribunal fejn rrimarka illi skont il-garanzija huwa kellu jinghata Playstation Pro 4 gdid peress li kien kienet kolpita minn difett latenti. Illi t-Tribunal jinnota illi l-Playstation Pro 4 giet mixtrija fis-6 ta' Frar 2018 u d-difett rrizulta nhar 10 ta' Novembru 2019.

Illi a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni fuq difett mohbi f'kaz ta' mobbli ghandha tingieb fi zmien sitt (6) xhur mid-data tal-kunsinna tal-haga migjuba. Pero sub-artikolu (2) jistabilixxi:

*"Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett"*[1]

Illi jidher illi l-ewwel darba li tfacca dan id-difett kien propju fl-10 ta' Novmebru 2019 u r-rikorrenti jghid illi avvicina lis-socjeta intimata fl-11 ta' Novmebru 2019 filwaqt li dawn il-proceduri gew intavolati fit-28 ta' Jannar 2020 u ghalhekk entro t-terminu ta' sitt xhur stabbiliti mill-Ligi.

Il-fatt illi d-difett rrizulta wara tmintax l-xahar ma ghandu bl-edba mod jippregudika lir-rikorrenti milli jressaq l-azzjoni li ressaq u dan a tenur tal-Artikolu 1431 (2) hekk kif surreferit.

Illi l-azzjoni fuq difett mohbi taghti ghazla lix-xerrej ghaz zewg azzjonijiet ossija l-azzjoni redibitorja li jghati lura l-oggett u jinghata l-prezz shih jew l-azzjoni

[1] emfazi tat-Tribunal

stimatorja l jzomm l-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz l tista tigi stabillita mill-Qorti (ara Artikolu 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi r-rikorrenti accetta l-proposta tas-socjeta intimata ossija li jghati lura l-Playstation Pro 4 difettuza, jhallas somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin Euro (€ 225) u s-socjeta' intimata tghatih Playstation Pro 4 gdida.

Illi ghalhekk t-talba tar-rikorrenti la hija rdibitjorja (li fiha kellu jirritorna lura l-oggett u jitlob ghar-refuzjoni ta' € 429.99 u l-anqas istimatorja li jzomm l-oggett [li f'dan il-kaz gie restitwit) u jitlob ghal tnaqqis fil-prezz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Carmelo sive Schares Scerri et vs Joseph Sammut u martu Maria Stella Sammut et' datata 26 ta' Gunju 2012 l-Qorti sahqet: *"Illi fil-fatt fl-istess sentenzi gew affermati s-segwenti principji u cjoe 'li: (a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permessibbli lix-xerrej fil-kaz ta 'azzjoni ghall-difett latenti u ta 'azzjoni li l-oggett mhux tal-kwalita 'pattwieta; (b) it-talbiet tax-xerrej ibbazati fuq dawk il-lanjanzi huma limitati ghal dak li jipprovdu d-disposizzjoni tal-istess artikoli, b'dan ghalhekk li f'kawza ibbazata fuq l-kawzali li l-oggett mhux ta 'kwalita 'pattwieta din tista 'ssir biss abbazi tal-artikolu 1390 u fil-kaz ta 'difett latenti skond id-disposizzjonijiet ta 'l-artikolu 1427 tal-Kap.16 u ghalhekk talbiet kellhom jindikaw sine qua non li (i) l-oggett mhux tal-kwalita 'pattwita jew dikjarazzjoni ta 'difett latenti; (ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta 'parti mill-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta 'dak stabbilit mill-Qorti fil-kaz ta 'actio aestimatoria jew redhibitoira jew fil-kaz ta 'kawza li l-oggett mhux tal-kwalita 'pattwieta abbazi tal-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta ' periti kollox skond l-artikoli appositi."*

Tribunal iqis li gialadarba r-rikorrenti accetta l-proposta tas-socjeta' intimata u rritorna l-oggett mertu tal-kaz u hallas somma ta' € 225 ghal Paystation Pro 4 gdida allura la l-azzjoni redhibitorji u l-anqas l-azzjoni istimatorji taht l-Artikolu 1427 tal-Kap. 16 ma jistghux jigu milqugha.

Illi t-Tribunal iqis li l-accettazzjoni tal-konsumatur ghall-proposta tas-socjeta' intimata huwa accetta l-kundizzjonijiet tal- *customer care policies* tas-socjeta' intimata, liema proposta jidher li gier accettata minghajr kundizzjoni.

Ghalhekk fic-cirkustanzi, it-Tribunal iqis illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda u dan ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jichad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu minn kull parti skont l-ispejjez li hija ghamlet.

Avv. Paul Borg
Arbitru